



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2012/2061(INI)**

26.7.2012

# **EMENDI**

## **1 - 78**

**Abbozz ta' rapport**  
**Alejandro Cercas**  
(PE489.678v02-00)

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema; antiċipazzjoni u għestjoni tar-ristrutturazzjoni (2012/2061(INI))

AM\910056MT.doc

PE494.585v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Emenda 1**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Intestatura 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni  
dwar Informazzjoni lill-ħaddiema ***u***  
***konsultazzjoni tal-ħaddiema;***  
***antiċipazzjoni u ġestjoni tar-***  
***ristrutturazzjoni***

*Emenda*

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni  
dwar ***Kodiċi ta' Prattika fir-rigward ta'***  
Informazzjoni lill-ħaddiema ***f'każ ta'***  
***ristrutturazzjoni,***

Or. en

**Emenda 2**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Intestatura 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni  
dwar Informazzjoni lill-ħaddiema u  
konsultazzjoni tal-ħaddiema;  
***antiċipazzjoni u ġestjoni tar-***  
***ristrutturazzjoni***

*Emenda*

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni  
dwar ***Kodiċi ta' Prattika fir-rigward ta'***  
Informazzjoni lill-ħaddiema u  
konsultazzjoni tal-ħaddiema ***f'każ ta'***  
***ristrutturazzjoni,***

Or. en

**Emenda 3**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol<sup>1</sup>,*

---

<sup>1</sup> ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

Or. en

**Emenda 4**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar ir-reviżjoni intermedja tal-Istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol<sup>1</sup>,*

---

<sup>1</sup> P7\_TA(2011)0589

Or. en

**Emenda 5**

**Frédéric Daerden, Pervenche Berès**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Il-kooperattivi u r-ristrutturar”<sup>1</sup>,**

---

<sup>1</sup> *Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.*

Or. fr

**Emenda 6**

**Marije Cornelissen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi" (COM(2011)0571),**

Or. en

**Emenda 7**

**Marije Cornelissen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Kunsiderazzjoni 21b (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 dwar "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050" (COM(2011)0112),**

**Emenda 8**  
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Kunsiderazzjoni 26a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*- wara li kkunsidra r-riżultati tar-riċerki u tal-istħarriġ mwettqa mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound),*

Or. it

**Emenda 9**  
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa A**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

A. billi r-ristrutturazzjoni mhijiex fenomenu ġdid iżda *wieħed* li f'dawn l-aħħar snin *ħa* forom *ġodda*, u *sar iktar prevalenti* b'*kopertura ġeografika u settorjali usa' fl-Ewropa*;

A. billi *fl-Ewropa* r-ristrutturazzjoni mhijiex fenomenu ġdid iżda *prattika* li f'dawn l-aħħar snin *saret iktar prevalenti, hekk kif ħadet forom differenti*, u *kibret f'ċerti setturi u ġiet introdotta f'oħrajn ġodda* b'*konsegwenzi imprevedibbli fl-istruttura ekonomika u soċjali tal-Istati Membri*;

Or. it

**Emenda 10**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa A**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

A. billi r-ristrutturazzjoni mhijiex fenomenu ġdid ***iżda wieħed li f'dawn l-aħħar snin ħa forom ġodda, u sar iktar prevalenti b'kopertura ġeografika u settorjali usa' fl-Ewropa;***

*Emenda*

A. billi r-ristrutturazzjoni mhijiex fenomenu ġdid ***u sseħħ iktar ta' spiss minħabba sfidi ekonomiċi;***

Or. en

**Emenda 11**  
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa B**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi l-kriżi li bdiet fl-2008 ***serviet biex tħaffef*** ir-rata tal-bidla b'mod qawwi; billi ***żdiedet, mal-pressjonijiet strutturali biex ikun hemm adattament għat-tibdil, dovut għar-restrizzjonijiet iktar immedjati tal-globalizzazzjoni li jesponu l-impriżi, il-ħaddiema, it-territorji u lill-gvernijiet għal tensjonijiet kritiċi;***

*Emenda*

B. billi l-kriżi li bdiet fl-2008 ***ħaffet*** ir-rata tal-bidla b'mod qawwi billi ***żiedet*** il-ħaddiema, it-territorji u ***l-livelli kollha tal-gvern, b'mod allarmanti, il-pressjonijiet għall-adattament strutturali għat-tibdil, dovut għall-fenomeni marbuta mal-globalizzazzjoni;***

Or. it

**Emenda 12**  
**Thomas Händel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa B**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi l-kriżi li bdiet ***fl-2008*** serviet biex tħaffef ir-rata tal-bidla b'mod qawwi; billi ***żdiedet, mal-pressjonijiet strutturali biex ikun hemm adattament għat-tibdil, dovut għar-restrizzjonijiet iktar immedjati tal-***

*Emenda*

B. billi l-kriżi ***ekonomika dinjija, li fl-2008*** bdiet ***minn spekulazzjonijiet fis-settur finanzjarju u intensifikat b'mod sinifikanti,*** serviet biex tħaffef ir-rata tal-bidla b'mod qawwi; billi ***żiedet il-***

globalizzazzjoni li jesponu l-impriżi, il-ħaddiema, it-territorji u lill-gvernijiet għal tensjonijiet kritiċi;

*pressjonijiet* strutturali biex ikun hemm adattament għat-tibdil, dovut għar-restrizzjonijiet iktar immedjati tal-globalizzazzjoni li jesponu l-impriżi, il-ħaddiema, it-territorji u lill-gvernijiet għal tensjonijiet kritiċi;

Or. de

### Emenda 13

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch, Marian Harkin, Veronica Lope Fontagné**

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Premessa B

###### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi l-kriżi li bdiet fl-2008 serviet biex tħaffef ir-rata tal-bidla b'mod qawwi; billi *żdiedet, mal-pressjonijiet* strutturali biex ikun hemm adattament għat-tibdil, dovut għar-restrizzjonijiet iktar immedjati tal-globalizzazzjoni li *jesponu l-impriżi, il-ħaddiema, it-territorji u lill-gvernijiet għal tensjonijiet kritiċi*;

###### *Emenda*

B. billi l-kriżi li bdiet fl-2008 serviet biex tħaffef ir-rata tal-bidla b'mod qawwi; billi ***dik il-kriżi żiedet, il-pressjonijiet*** strutturali biex ikun hemm adattament għat-tibdil, dovut għar-restrizzjonijiet iktar immedjati tal-globalizzazzjoni li ***jeh tiegħu li kumpaniji u l-impjegati tagħhom jagħmlu dawn il-bidliet hekk kif meħtiegħ biex jissalvagwardjaw il-kompetittività u jiprotegħu l-impjiegi***;

Or. en

### Emenda 14

**Marije Cornelissen**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

##### Premessa B

###### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

B. billi l-kriżi li bdiet fl-2008 serviet biex tħaffef ir-rata tal-bidla b'mod qawwi; billi *żdiedet, mal-pressjonijiet* strutturali biex ikun hemm adattament għat-tibdil, dovut

###### *Emenda*

B. billi l-kriżi li bdiet fl-2008 serviet biex tħaffef ir-rata tal-bidla b'mod qawwi; billi *żiedet il-pressjonijiet* strutturali biex ikun hemm adattament għat-tibdil, dovut ***għall-***

għar-restrizzjonijiet iktar immedjati tal-globalizzazzjoni li jesponu l-impriżi, il-ħaddiema, it-territorji u lill-gvernijiet għal tensjonijiet kritiċi;

*ħtieġa li jinbidlu partijiet mhux sostenibbli tal-ekonomija u għar-restrizzjonijiet iktar immedjati tal-globalizzazzjoni li jesponu l-impriżi, il-ħaddiema, it-territorji u lill-gvernijiet għal tensjonijiet kritiċi;*

Or. en

**Emenda 15**  
**Thomas Händel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ba (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ba. billi t-tqassim mill-ġdid fuq skala kbira li sar mill-ekonomija reali għal dik finanzjarja, li seħħ minħabba bidliet profondi fl-istrateġiji ekonomiċi matul l-aħħar 30 sena, li flimkien mat-tnaqqis fl-awtorità tal-istati relatat wassal għal nuqqas ta' finanzjament, dejn u privatizzazzjoni qawwija u għal tnaqqis fl-impjiegi u fil-prestazzjoni tas-settur pubbliku fil-livelli kollha, ir-ristrutturar tas-settur privat spiss intuża biex jitkeċċew l-impjegati, biex il-prezzijiet tal-ishma jogħlew, għandha titjeb is-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li għalkemm tassew joħolqu beni u servizzi, qed iġorru biss l-iżvantaġġi;*

Or. de

**Emenda 16**  
**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ba (ġdida)**



*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ba. billi r-ristrutturazzjoni ssir kwistjoni għall-partijiet interessati fi stadju avvanzat biss, ħafna drabi meta jkunu qed jiġu kkunsidrati s-sensji;***

Or. en

**Emenda 17**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Bb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Bb. billi, waqt ir-ristrutturazzjoni, huwa l-impatt immedjat u faċilment perċettibbli fuq l-impjeggi li jattira l-aktar attenzjoni, waqt li l-effett negattiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa tal-ħaddiem mhuwiex rikonoxxut u indirizzat b'mod adegwat;***

Or. en

**Emenda 18**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Bc (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Bc. billi l-partijiet interessati multipli u differenti involuti fir-ristrutturazzjoni huma iżolati u rarament jikkooperaw fit-tul;***

**Emenda 19**  
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***C. billi, hekk kif ġie enfasizzat b'mod konsistenti fil-karti politiċi reċenti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Komunikazzjoni dwat il-Politika Industrijali tas-27 ta' Ottubru 2010, "Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi kif ukoll mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali". (...) (...) "[il-]maniġment u [il-]ħaddiema huma l-atturi ewlenin li jridu jaqblu fuq l-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni fil-livell tal-kumpanija. L-interventi ta' politika għandhom jakkumpanjaw ristrutturazzjoni bħal din biex jevitaw diffikultajiet soċjali u jippromwovu ħiliet u impjegi ġodda, hekk li jevitaw sensji tal-massa u l-falliment ta' reġjuni sħaħ jew id-delokalizzazzjoni ta' industriji sħaħ, kif ukoll jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali";***

***imħassra***

Or. it

**Emenda 20**  
**Alejandro Cercas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

C. billi, hekk kif ġie enfasizzat b'mod konsistenti fil-karti politiċi reċenti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Komunikazzjoni *dwat* il-Politika Industrijali *tas-27 ta' Ottubru 2010*, "Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi kif ukoll mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali". (...) "[il-]maniġment u [il-]ħaddiema huma l-atturi ewlenin li jridu jaqblu fuq l-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni fil-livell tal-kumpanija. L-interventi ta' politika għandhom jakkumpanjaw ristrutturazzjoni bħal din biex jevitaw diffikultajiet soċjali u jippromwovu ħiliet u impjegi ġodda, hekk li *jevitaw* sensji tal-massa u l-falliment ta' reġjuni sħaħ jew *id-delokalizzazzjoni ta'* industrijja sħaħ, kif ukoll jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali";

*Emenda*

C. billi, hekk kif ġie enfasizzat b'mod konsistenti fil-karti politiċi reċenti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Komunikazzjoni *dwar* il-Politika Industrijali *tat-28 ta' Ottubru 2010*, "Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi kif ukoll mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali". (...) "[il-]maniġment u [il-]ħaddiema huma l-atturi ewlenin li jridu jaqblu fuq l-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni fil-livell tal-kumpanija. L-interventi ta' politika għandhom jakkumpanjaw ristrutturazzjoni bħal din biex jevitaw diffikultajiet soċjali u jippromwovu ħiliet u impjegi ġodda, hekk li *jnaqqsu* sensji tal-massa u l-falliment ta' reġjuni sħaħ jew *ir-rilokazzjoni ta'* industrijja sħaħ, kif ukoll jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali";

Or. en

**Emenda 21**  
**Frédéric Daerden**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

C. billi, hekk kif ġie enfasizzat b'mod konsistenti fil-karti politiċi reċenti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Komunikazzjoni *dwat* il-Politika Industrijali *tas-27 ta' Ottubru 2010*, "Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati

*Emenda*

C. billi, hekk kif ġie enfasizzat b'mod konsistenti fil-karti politiċi reċenti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Komunikazzjoni *dwar* il-Politika Industrijali *tat-28 ta' Ottubru 2010*, "Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati

u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi kif ukoll mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali". (...) "[il-]maniġment u [il-]ħaddiema huma l-atturi ewlenin li jridu jaqblu fuq l-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni fil-livell tal-kumpanija. L-interventi ta' politika għandhom jakkumpanjaw ristrutturazzjoni bħal din biex jevitaw *diffikultatjiet* soċjali u jippromwovu ħiliet u impjiegi ġodda, hekk li *jevitaw sensji* tal-massa u l-falliment ta' reġjuni sħaħ jew *id-delokalizzazzjoni* ta' industrij sħaħ, kif ukoll jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali";

u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi kif ukoll mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali". (...) "[il-]maniġment u [il-]ħaddiema huma l-atturi ewlenin li jridu jaqblu fuq l-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni fil-livell tal-kumpanija. L-interventi ta' politika għandhom jakkumpanjaw ristrutturazzjoni bħal din biex jevitaw *diffikultajiet* soċjali u jippromwovu ħiliet u impjiegi ġodda, hekk li *jnaqqsu kemm jista' jkun is-sensji* tal-massa u l-falliment ta' reġjuni sħaħ jew *ir-rilokazzjoni* ta' industrij sħaħ, kif ukoll jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali"

Or. fr

## Emenda 22

**Marije Cornelissen**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Premessa C

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

C. billi, hekk kif ġie enfasizzat b'mod konsistenti fil-karti politiċi reċenti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Komunikazzjoni *dwat* il-Politika Industrijali *tas-27* ta' Ottubru 2010, "Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi kif ukoll mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali". (...) "[il-]maniġment u [il-]ħaddiema huma l-atturi ewlenin li jridu jaqblu fuq l-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni fil-livell tal-kumpanija. L-interventi ta' politika għandhom jakkumpanjaw ristrutturazzjoni bħal din biex jevitaw *diffikultatjiet* soċjali u

##### *Emenda*

C. billi, hekk kif ġie enfasizzat b'mod konsistenti fil-karti politiċi reċenti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-Komunikazzjoni *dwar* il-Politika Industrijali *tat-28* ta' Ottubru 2010, "Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturar għandhom jgħinu lill-impjegati u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi kif ukoll mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali"; . "[il-]maniġment u [il-]ħaddiema huma l-atturi ewlenin li jridu jaqblu fuq l-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni fil-livell tal-kumpanija. L-interventi ta' politika għandhom jakkumpanjaw ristrutturazzjoni bħal din biex jevitaw *diffikultatjiet* soċjali u

jippromwovu ħiliet u impjiegi ġodda, hekk li **jevitaw** sensji tal-massa u l-falliment ta' reġjuni sħaħ jew **id-delokalizzazzjoni ta'** industriji sħaħ, kif ukoll jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali";

jippromwovu ħiliet u impjiegi ġodda, hekk li **jnaqqsu** sensji tal-massa u l-falliment ta' reġjuni sħaħ jew **ir-rilokazzjoni ta'** industriji sħaħ, kif ukoll jiffaċilitaw ir-rikonverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali";

Or. en

**Emenda 23**  
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ca (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**Ca. billi l-kriżi wasslet għal governanza ekonomika tal-Unjoni ġdida, permezz tal-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir u s-semestru, li hu stess jista' jwassal għal ristrutturar u għalhekk jeħtieġ l-involviment tal-imsieħba soċjali;**

Or. de

**Emenda 24**  
**Marije Cornelissen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ca (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**Ca. billi hemm il-ħtieġa li l-ħaddiema jkunu ppreparati b'mod adegwat għall-bidla lejn ekonomija favur il-klima b'użu effiċjenti tar-riżorsi li għandha potenzjal enormi ta' impjeg, iżda li se tagħti lok għar-ristrutturazzjoni ta' setturi u kumpaniji mhux sostenibbli;**

Or. en

**Emenda 25**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa D**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***D. billi t-telf fl-impjiegi kien jammonta għal kważi d-doppju tan-numru ta' impjiegi maħluqa fit-tielet kwart tal-2011, u hemm il-possibilità li din it-tendenza tikber minħabba t-tħabbir ta' ristrutturazzjonijiet kbar f'oqsma strateġiċi;***

***imħassra***

Or. en

**Emenda 26**  
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Da (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Da. billi fir-rigward tax-xejriet settorjali, il-Eurofound ikkonferma li fl-2011 it-tnaqqis ta' impjiegi kien prinċipalment ikkonċentrat fis-setturi tal-kostruzzjoni u l-manifattura, fejn bejn l-2008 u 2011, intilfu aktar minn 6.4 miljun post tax-xogħol;***

Or. it

**Emenda 27**  
**Thomas Händel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Da (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Da. billi l-Istati Membri kollha li fihom kien hemm relattivament ftit tkeċċijiet matul il-kriżi, għandhom disponibbli sistema distinta tajba ħafna, li permezz tagħha l-impjegati u r-rappreżentanti tagħhom għandhom ħafna drittijiet fil-qasam tas-smiġh, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni, li wasslu għal ftehimiet konġunti fil-livell tal-kumpanija, billi l-ħtiġijiet tagħhom jiddependu fuq liġijiet u ftehimiet kollettivi;***

Or. de

**Emenda 28**  
**Thomas Händel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa E**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

E. billi, hekk kif ġie ddikjarat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: it-titjib tar-reazzjoni tal-Unjoni għall-kriżi, "il-prestazzjoni pożittiva fl-esportazzjonijiet ta' ċerti Stati Membri turi li s-suċċess fis-swieq dinjija jistrieħ fuq fatturi usa' bħall-ispeċjalizzazzjoni fis-settur, l-innovazzjoni u l-livelli tal-kapaċitajiet li jżidu l-kompetittività reali";

*Emenda*

E. billi, hekk kif ġie ddikjarat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: it-titjib tar-reazzjoni tal-Unjoni għall-kriżi, "il-prestazzjoni pożittiva fl-esportazzjonijiet ta' ċerti Stati Membri turi li s-suċċess fis-swieq dinjija jistrieħ fuq fatturi usa' bħall-ispeċjalizzazzjoni fis-settur, l-innovazzjoni u l-livelli tal-kapaċitajiet li jżidu l-kompetittività reali"; ***anke fil-kriżi, il-kumpaniji f'xi Stati Membri użaw il-kapaċitajiet kollha biex jiżguraw li impjegati mħarrġa tajjeb u b'għarfien prattiku kbir ma jitkeċċewx;***

Or. de

**Emenda 29**  
**Thomas Händel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ea (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ea. billi l-kumpaniji tal-Unjoni Ewropea ma jiksbox suċċess minn sempliċi kompetizzjoni bbażata fuq it-twaqqiġ tal-prezzijiet fis-swieq globali, iżda biss minn prodotti, proċeduri u servizzi tajbin, li jeħtieġu sistema edukattiva, ta' taħriġ, u ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu, kundizzjonijiet tax-xogħol u sistema soċjali tajbin u investimenti xierqa fir-riċerka u l-iżvilupp;*

Or. de

**Emenda 30**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ea (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ea. billi r-ristrutturazzjoni fis-setturi mhux sostenibbli hija meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan tal-Istrateġija Ewropa 2020 ta' ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva u tista' tgħin fl-irkupru ekonomiku jekk it-tranżizzjoni hija pplanata sewwa, fejn jiġi assigurat li l-impjegati f'setturi mhux sostenibbli huma pprovduti b'sigurtà, protezzjoni u taħriġ biex jagħmlu it-tranżizzjoni għal impjiegi ekoloġiċi;*

Or. en



**Emenda 31**  
**Thomas Händel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Eb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Eb. billi l-kumpaniji industrijali li jesportaw b'suċċess fl-Istati Membri ppruvaw iżommu fl-intrapriżi l-impjegati tagħhom li huma mħarrġa sew u li għandhom għarfien Prattiku tajjeb, juri li l-approċċ ta' flessigurtà tal-Kummissjoni, ibbażat fuq kundizzjonijiet ta' xogħol għal żmien qasir, ma kisibx suċċess u jmur kontra l-ħtiġijiet tal-kumpaniji globalment kompetittivi; Dan jgħodd bl-istess mod għall-azzjonijiet tal-"employment package" li jwassal għal tnaqqis tal-protezzjoni kontra t-tkeċċija u drittijiet oħrajn għall-impjegati b' kuntratt indefinit, għalkemm il-kummerċ tal-kumpaniji ta' suċċess huwa fit-tul u dawn jixtiequ jżommu l-impjegati tagħhom u parzjalment qed ibatu minn nuqqas ta' persunal speċjalizzat;***

Or. de

**Emenda 32**  
**Thomas Händel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ec (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ec. billi jeżisti l-periklu li l-esperjenzi tajbin li jirriżultaw mill-kriżi u setgħu jinġabru b'mod partikolari mill-ILO, ma jiġux ikkunsidrati biżżejjed u ma jintużawx għal kriżijiet fil-ġejjieni, dawn il-miżuri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu eżaminati u dokumentati, sabiex ikunu jistgħu***

*jintużaw ukoll għas-sitwazzjonijiet ta' ristrutturar; f'xi Stati Membri, it-tkeċċijiet waqt il-kriżi setgħu ġew evitati, u fl-istess ħin, dan iż-żmien seta' jintuża għall-kisba ta' aktar żvilupp;*

Or. de

**Emenda 33**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Fa (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Fa. billi, f'każijiet ta' ristrutturazzjoni fejn is-sensji huma inevitabbli, il-ħaddiema żgħażaġh u l-ħaddiema akbar fl-età huma spiss fil-mira għal sensja meta mqabbla ma' gruppi ta' etajiet oħra, anke meta din tikkostitwixxi diskriminazzjoni ta' età skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni;*

Or. en

**Emenda 34**  
**Jutta Steinruck, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa G**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

G. billi, kif iddikjarat *fl-Att* dwar is-Suq Uniku, "It-Trattat ta' Lisbona u l-kunċett ta' "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali jitlobna nadottaw viżjoni aktar sħiħa tas-suq uniku (...) Qafas Ewropew għar-ristrutturazzjonijiet jippermetti li

G. billi, kif iddikjarat *fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni* dwar "*Lejn Att* dwar is-Suq Uniku," *is-sens ta' diżillużjoni li nħass minn xi wħud fir-rigward tas-suq intern jista' jkun ukoll ir-riżultat tal-perċezzjoni li liberalizzazzjonijiet suċċessivi saru għad-detriment tad-*

jinbena ambjent ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka.";

*drittijiet soċjali miksuba minn diversi operaturi ekonomiċi."*; "It-Trattat ta' Lisbona u l-kunċett ta' "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali jitlobna nadottaw viżjoni aktar sħiħa tas-suq uniku .  
*Libertajiet ekonomiċi u libertajiet ta' azzjoni kollettiva jridu jiġu rikonċiljati. Ħajja ġdida għandha tingħata lid-djalogu soċjali, biex ikun hemm aktar probabilità ta' leġiżlazzjoni 'mill- u għall-' imsieħba soċjali, kif espliċitament previst mit-Trattat ta' Lisbona."*; "Lil hinn minn approċċi purament reattivi għall-kriżi ekonomika u finanzjarja, strateġiji preventivi ippermettew li negozji u l-impjegati tagħhom ibiegħdu tilwim industrijali permezz ta' ġestjoni proattiva ta' operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni. Din hija prekundizzjoni għas-suċċess ekonomiku u hija rekwiżit soċjali, peress li tippermetti li r-riżorsi jergħu jittqassmu lis-setturi emerġenti u tippreżenta opportunitajiet ġodda għall-ħaddiema meta l-impjegi tagħhom ikunu f'riskju. Qafas Ewropew għar-ristrutturazzjonijiet jippermetti li jinbena ambjent ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka;"

Or. en

### **Emenda 35 Veronica Lope Fontagné**

#### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa G**

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

G. billi, kif iddikjarat fl-Att dwar is-Suq Uniku, "It-Trattat ta' Lisbona u l-kunċett ta' "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali jitlobna nadottaw viżjoni aktar sħiħa tas-suq uniku (...) **Qafas Ewropew għar-ristrutturazzjonijiet jippermetti li**

##### *Emenda*

G. billi, kif iddikjarat fl-Att dwar is-Suq Uniku, "It-Trattat ta' Lisbona u l-kunċett ta' "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali jitlobna nadottaw viżjoni aktar sħiħa tas-suq uniku;

*jinnbena ambjent ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka."*

Or. es

**Emenda 36**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa G**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

G. billi, kif iddikjarat *fl-Att* dwar is-Suq Uniku, "It-Trattat ta' Lisbona u l-kunċett ta' "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali jitlobna nadottaw viżjoni aktar sħiħa tas-suq uniku (...) *Qafas Ewropew għar-ristrutturazzjonijiet jippermetti li jinnbena ambjent ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka.*”;

*Emenda*

G. billi, kif iddikjarat *fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni* dwar "*Lejn Att* dwar is-Suq Uniku", "It-Trattat ta' Lisbona u l-kunċett ta' "ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna" bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali jitlobna nadottaw viżjoni aktar sħiħa tas-suq uniku (...);

Or. en

**Emenda 37**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ga (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Ga. billi l-approfondiment tas-suq uniku jirriżulta fid-deframmentazzjoni tas-swieg, li twassal għal kompetizzjoni addizzjonali li tippromwovi ristrutturazzjoni; billi l-Unjoni għandha terfa' r-responsabbiltà għal dan il-proċess billi tistabbilixxi l-qafas biex ittaffi l-konsegwenzi soċjali ta' ristrutturazzjoni;*

*Emenda*

**Emenda 38**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa H**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***H. Billi «Il-linji gwida ta' referenza sabiex tiġi ġestita l-bidla u l-konsegwenzi soċjali tagħha» mfassla mill-imsieħba soċjali f'Ottubru tal-2003 għalkemm ma rriżultaw f'ebda miżura importanti li tagħti lok għall-implimentazzjoni Prattika u konkreta tal-linji gwida msemmija;***

*Emenda*

***imħassar***

Or. es

**Emenda 39**  
**Elisabeth Morin-Chartier**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa H**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

H. billi l-Linji Gwida ta' referenza għall-ġestjoni tal-bidla u tal-konsegwenzi soċjali tagħha, imfassla mis-sħab soċjali f'Ottubru 2003, ma ġewx madankollu segwiti minn l-ebda miżura ***sinifikanti*** li twassal għall-implimentazzjoni Prattika u l-applikazzjoni konkreta ta' dawk il-linji gwida;

*Emenda*

H. billi l-Linji Gwida ta' referenza għall-ġestjoni tal-bidla u tal-konsegwenzi soċjali tagħha, imfassla mis-sħab soċjali f'Ottubru 2003, ma ġewx madankollu segwiti minn l-ebda miżura ***leġislattiva*** li twassal għall-implimentazzjoni Prattika u l-applikazzjoni konkreta ta' dawk il-linji gwida, ***bl-eċċezzjoni ta' żewġ ċikli ta' seminars nazzjonali organizzati mill-imsieħba soċjali fil-qafas tal-programmi ta' ħidma multiannwali tagħhom;***

Or. en

**Emenda 40**  
**Olle Ludvigsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa H**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

H. billi l-Linji Gwida ta' referenza għall-  
ġestjoni tal-bidla u tal-konsegwenzi soċjali  
tagħha, imfassla mis-sħab soċjali f'Ottubru  
2003, ma ġewx madankollu segwiti minn l-  
ebda miżura sinifikanti li twassal għall-  
implimentazzjoni prattika u l-applikazzjoni  
konkreta ta' dawk il-linji gwida;

*Emenda*

H. billi l-Linji Gwida ta' referenza għall-  
ġestjoni tal-bidla u tal-konsegwenzi soċjali  
tagħha, imfassla mis-sħab soċjali f'Ottubru  
2003, ma ġewx madankollu segwiti minn l-  
ebda miżura sinifikanti li twassal għall-  
implimentazzjoni prattika u l-applikazzjoni  
konkreta ta' dawk il-linji gwida; **billi dawn**  
**għadhom fil-biċċa l-kbira mhux**  
**magħrufa mhux biss mill-**  
**organizzazzjonijiet nazzjonali u settorjali**  
**tal-imsieħba soċjali, iżda wkoll, u aktar**  
**importanti, minn kumpaniji u r-**  
**rappreżentanti tal-ħaddiema tagħhom;**  
**billi, madankollu, tkun ta' importanza**  
**kbira l-osservanza f'waqtha u effettiva tal-**  
**prinċipji inklużi f'dawk il-Linji Gwida u li**  
**jirriżultaw ukoll minn studji u rapporti**  
**oħra. peress li l-prattiki tal-kumpaniji**  
**f'dan il-qasam spiss huma reattivi flok**  
**proattivi, jintervjenu wisq 'l isfel fil-**  
**proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u ma**  
**jinvolvux entitajiet esterni li jista'**  
**jkollhom rwol fit-tnaqqis tal-impatt soċjali**  
**tiegħu jew suffiċjentement jew fil-ħin**  
**suffiċjenti;**

Or. en

**Emenda 41**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa I**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

I. billi l-Kummissjoni fittxet  
kontribuzzjonijiet konkreti dwar kif

*Emenda*

I. billi l-Kummissjoni fittxet  
kontribuzzjonijiet konkreti dwar kif

tiżviluppa ulterjorment il-politika f'dan il-qasam permezz tal-"Green Paper: Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?" tas-17 ta' Jannar 2012;

tiżviluppa ulterjorment il-politika f'dan il-qasam permezz tal-"Green Paper: Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?" tas-17 ta' Jannar 2012, *li tirrikonoxxi li "huwa ċert li t-tibdil teknoloġiku u l-innovazzjoni jistgħu jwasslu għal strateġiji ta' aġġustament għall-impriżi u għall-impjiegi, iżda hemm indikazzjonijiet ukoll li l-innovazzjoni, flimkien mar-riċerka u l-edukazzjoni, jistgħu jwasslu għal mod effettiv sabiex l-Ewropa toħroġ mill-kriżi"*;

Or. es

**Emenda 42**  
**Frédéric Daerden, Pervenche Berès**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ia (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ia. billi, kif jidher fl-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Kooperattivi u r-ristrutturar", il-kooperattivi li jimmaniġġjaw ir-ristrutturazzjoni b'mod responsabbli mil-lat soċjali u billi "l-mudell speċifiku ta' governanza kooperattiva, li huwa msejjes fuq is-sjieda konġunta, il-parteciċipazzjoni demokratika u l-kontroll tal-membri, kif ukoll il-kapaċità tal-kooperattivi li jiddependu minn riżorsi finanzjarji proprji u minn netwerks ta' appoġġ, jispjegaw għalfejn il-kooperattivi huma aktar flessibbli u innovattivi fil-ġestjoni tar-ristrutturazzjoni matul iż-żmien, kif ukoll fil-ħolqien ta' negozju ġdid"*;

Or. fr

**Emenda 43**  
**Jelko Kacin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa J**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***J. billi, minkejja d-dikjarazzjonijiet qawwija msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni pprovdiet reazzjoni deludenti għar-riżoluzzjonijiet parlamentari dwar l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u r-ristrutturazzjoni, u dan enfasizza l-bżonn ta' miżuri urġenti u konkreti f'dan il-qasam, kif ukoll fir-rigward ta' talbiet minn protagonisti ekonomiċi u soċjali oħra;***

*Emenda*

***imħassra***

Or. en

**Emenda 44**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa J**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

J. billi, minkejja d-dikjarazzjonijiet qawwija msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni pprovdiet reazzjoni deludenti għar-riżoluzzjonijiet parlamentari dwar l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u r-ristrutturazzjoni, u dan enfasizza l-bżonn ta' miżuri urġenti u konkreti f'dan il-qasam, kif ukoll fir-rigward ta' talbiet minn protagonisti ekonomiċi u soċjali oħra;

*Emenda*

J. billi, minkejja d-dikjarazzjonijiet qawwija msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni pprovdiet reazzjoni deludenti għar-riżoluzzjonijiet parlamentari dwar l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u r-ristrutturazzjoni, u dan enfasizza l-bżonn ta' miżuri urġenti u konkreti f'dan il-qasam, kif ukoll fir-rigward ta' talbiet minn protagonisti ekonomiċi u soċjali ***rilevanti*** oħra;

Or. en



**Emenda 45**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa K**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

K. billi din ir-riżoluzzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' informazzjoni **u ta' konsultazzjoni** li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u nazzjonali; sakemm *d-dritt* tal-Unjoni u dak nazzjonali jipprovdu hekk, il-proċeduri ta' informazzjoni **u ta' konsultazzjoni** għandhom jintużaw bis-sħiħ biex jiġu **applikati r-regoli** stabbiliti f'dan ir-Regolament;

*Emenda*

K. billi din ir-riżoluzzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' informazzjoni li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u nazzjonali; sakemm *id-dritt* tal-Unjoni u dak nazzjonali jipprovdu hekk, il-proċeduri ta' informazzjoni għandhom jintużaw bis-sħiħ biex jiġu **implimentati r-rakkomandazzjonijiet** stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Or. en

**Emenda 46**  
**Jelko Kacin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa K**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

K. billi din ir-riżoluzzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u nazzjonali; sakemm *d-dritt* tal-Unjoni u dak nazzjonali jipprovdu hekk, il-proċeduri ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni għandhom jintużaw bis-sħiħ biex jiġu **applikati r-regoli** stabbiliti f'dan ir-Regolament;

*Emenda*

K. billi din ir-riżoluzzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u nazzjonali; sakemm *id-dritt* tal-Unjoni u dak nazzjonali jipprovdu hekk, il-proċeduri ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni għandhom jintużaw bis-sħiħ biex jiġu **implimentati r-rakkomandazzjonijiet** stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Or. en

**Emenda 47**  
**Alejandro Cercas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Ka (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ka. Billi din ir-riżoluzzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-protezzjoni tal-impjeg u l-obbligi relatati mat-tmiem tal-impjeg li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali;***

Or. es

**Emenda 48  
Frédéric Daerden**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Ka (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ka. billi din ir-riżoluzzjoni hija mingħajr ħsara għall-obbligi relatati mal-protezzjoni tal-impjegji u t-terminazzjoni ta' kuntratti tax-xogħol, skont il-liġi nazzjonali;***

Or. fr

**Emenda 49  
Jelko Kacin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa L**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***L. billi, minkejja li saret konsultazzjoni mas-sħab soċjali Ewropej darbtejn tul id-deċennju tas-snin 2000, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tiegħu miżuri prattiċi biex tiżgura l-applikazzjoni wiesgħa madwar l-Unjoni tal-approċċi antiċipattivi u***

***imħassra***

*proattivi u prattiki ta' ristrutturazzjoni soċjalment responsabbli li hija ssemmi f'tant dokumenti politiċi (ara hawn fuq);*

Or. en

**Emenda 50**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa L**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

L. billi, *minkejja li saret konsultazzjoni mas-sħab* soċjali Ewropej darbtejn tul id-deċennju tas-snin 2000, *il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tieħu miżuri prattiċi biex tiżgura l-applikazzjoni wiesgħa madwar l-Unjoni tal-approċċi antiċipattivi u proattivi u prattiki ta' ristrutturazzjoni soċjalment responsabbli li hija ssemmi f'tant dokumenti politiċi (ara hawn fuq);*

*Emenda*

L. billi *s-sħab* soċjali Ewropej *ġew ikkonsultati* darbtejn tul id-deċennju tas-snin 2000;

Or. es

**Emenda 51**  
**Marije Cornelissen**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa La (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*La. billi attwalment hemm differenzi kbar fil-liġi nazzjonali dwar ir-responsabbiltajiet ta' min iħaddem lejn l-impjegati tiegħu fil-proċess ta' ristrutturazzjoni; billi, f'xi pajjiżi, il-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jintuża għal miżuri li f'pajjiżi oħra huma r-responsabbiltà ta'*

*Emenda*

*min iħaddem;*

Or. en

**Emenda 52**  
**Philippe Boulland**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa M**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

M. billi informazzjoni u konsultazzjoni tajbin b'rabta mal-mezzi ta' ristrutturazzjoni jfissru **iktar intelliġenza, proattività, responsabilità u strateġija**, li **se** jikkontribwixxu biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll **se jagħtu** l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej fi żmien ta' kriżi;

*Emenda*

M. billi informazzjoni u konsultazzjoni tajbin **u effettivi** b'rabta mal-mezzi ta' ristrutturazzjoni jfissru **li dawn jiwettqu diversi xhur qabel id-deċiżjoni tar-ristrutturazzjoni prevista**, li **jirrigwardaw ukoll lis-sottokuntratturi u li jwettqu malajr taħriġ vokazzjonali mill-ġdid bil-għan li** jikkontribwixxu biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll **jibagħtu** l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej **u lill-investituri** fi żmien ta' kriżi;

Or. fr

**Emenda 53**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa M**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

M. billi informazzjoni **u konsultazzjoni tajbin b'rabta mal-mezzi ta'** ristrutturazzjoni **jfissru iktar intelliġenza, proattività, responsabilità u strateġija, li se jikkontribwixxu** biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll **se jagħtu** l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej fi żmien ta' kriżi;

*Emenda*

M. billi informazzjoni **tajba b'rabta ma'** ristrutturazzjoni **tista' tikkontribwixxi** biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll **se jagħtu** l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej fi żmien ta' kriżi;

**Emenda 54**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa M**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

M. billi informazzjoni u konsultazzjoni tajbin b'rabta **mal-mezzi ta'** ristrutturazzjoni **jfissru iktar intelliġenza, proattività, responsabilità u strateġija, li se jikkontribwixxu** biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll se jagħtu l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej fi żmien ta' kriżi;

*Emenda*

M. billi informazzjoni u konsultazzjoni tajbin b'rabta **ma'** ristrutturazzjoni **tista' tikkontribwixxi** biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll se jagħtu l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej fi żmien ta' kriżi;

**Emenda 55**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa M**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

M. billi informazzjoni u konsultazzjoni tajbin b'rabta mal-mezzi ta' ristrutturazzjoni jfissru iktar intelliġenza, proattività, responsabilità u strateġija, li **se** jikkontribwixxu biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll se jagħtu l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej fi żmien ta' kriżi;

*Emenda*

M. billi informazzjoni u konsultazzjoni tajbin b'rabta mal-mezzi ta' ristrutturazzjoni jfissru iktar intelliġenza, proattività, responsabilità u strateġija, li **jistgħu** jikkontribwixxu biex l-impriżi u l-Unjoni jsiru iktar kompetittivi, kif ukoll se jagħtu l-messaġġ ta' ċertezza u trasparenza liċ-ċittadini Ewropej fi żmien ta' kriżi;

**Emenda 56**  
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ma (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**Ma. billi r-reviżjoni li qed issir attwalment tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;**

Or. it

**Emenda 57**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ma (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**Ma. billi dawk l-impriżi li ma jirnexxilhomx jadattaw għall-kundizzjonijiet li dejjem qed jinbidlu, ma jkunux jistgħu jlaħħqu mal-kompetituri għal żmien twil;**

Or. es

**Emenda 58**  
**Frédéric Daerden**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ma (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**Ma. billi l-Kummissjoni<sup>1</sup>, biex tgħin lill-ħaddiema u l-kumpaniji jantiċipaw il-**

*bidliet b'mod aktar effettiv, nediet riċerki profondi u analiżi, kemm fuq il-fenomeni tar-ristrutturazzjoni nnifsu kif wkoll fuq il-monitoraġġ tas-setturi ta' attività, inkluża serje ta' studji dwar il-bidliet fl-impjeg bejn il-preżent u l-2020; billi din l-analiżi prospettiva titwettaq b'kollaborazzjoni ma' riċerkaturi indipendenti, l-imsieħba soċjali u istituzzjonijiet oħra Ewropej, bħall-Parlament Ewropew u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ dwar il-Bidla (EMCC)<sup>2</sup> tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop);*

---

<sup>1</sup> *SEC(2008)2154 DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI, dwar ir-Ristrutturazzjoni u l-impjegi, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea.*

<sup>2</sup> *Fl-2001 waħda mill-proposti tal-Grupp ta' Esperti ta' Gyllenhammar ġiet implimentata. Dan kien jinvolvi l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ dwar il-Bidla (EMCC) fi ħdan il-EUROFOUND, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ġewwa Dublin. L-EMCC jamministra b'mod partikolari l-European Restructuring Monitor (ERM), li jiġbor informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni fuq ċertu livell.*

Or. fr

**Emenda 59**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Premessa Ma (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ma. billi, bil-għan li ħaddiema u kumpaniji jiġu meġhuna jantiċipaw il-bidliet b'mod aktar effettiv, il-Kummissjoni<sup>1</sup> nediet riċerka u analiżi birreqqa, kemm dwar il-fenomeni tar-ristrutturazzjoni nnifsu kif ukoll dwar il-monitoraġġ ta' setturi ta' attività, inklużi sensiela ta' studji dwar bidliet fl-impjieg minn issa sal-2020; billi din l-analiżi prospettiva qed titwettaq flimkien ma' riċerkaturi indipendenti, imsieħba soċjali u istituzzjonijiet oħra Ewropej, bħall-Parlament Ewropew, u aġenziji u korpi tal-Unjoni bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla fi ħdan il-EUROFOUND (EMCC)<sup>2</sup> u ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop).*

---

<sup>1</sup> SEC(2008) 2154 DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI, Ir-ristrutturazzjoni u l-impjiegi, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

<sup>2</sup> Fl-2001 kienet implimentata waħda mill-proposti tal-Grupp Espert ta' Gyllenhammar. Dan kien jinvolvi l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC) fi ħdan il-EUROFOUND, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ġewwa Dublin. L-EMCC jamministra b'mod partikolari l-Monitor tar-Ristrutturazzjoni Ewropea (ERM), li jiġbor l-informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni fuq ċerta skala.

Or. en



**Emenda 60**  
**Emer Costello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Ma (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Ma. billi, bil-għan li ħaddiema u kumpaniji jiġu megħjuna jantiċipaw il-bidliet b'mod aktar effettiv, il-Kummissjoni<sup>1</sup> nediet riċerka u analiżi bir-reqqa, kemm dwar il-fenomeni tar-ristrutturazzjoni nnifsu kif ukoll dwar il-monitoraġġ ta' setturi ta' attività, inklużi sensiela ta' studji dwar bidliet fl-impjieg minn issa sal-2020, billi din l-analiżi prospettiva qed titwettaq flimkien ma' riċerkaturi indipendenti, imsieħba soċjali u istituzzjonijiet oħra Ewropej, bħall-Parlament Ewropew, u aġenziji u korpi tal-Unjoni bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla fi ħdan il-EUROFOUND (EMCC)<sup>2</sup> u ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop).*

---

<sup>1</sup> SEC(2008) 2154 DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI, Ir-ristrutturazzjoni u l-impjiegi, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

<sup>2</sup> Fl-2001 kienet implimentata waħda mill-proposti tal-Grupp Espert ta' Gyllenhammar. Din kienet tinvolvi l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla (EMCC) fi ħdan il-EUROFOUND, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ġewwa Dublin. L-EMCC jamministra b'mod partikolari l-Monitor tar-Ristrutturazzjoni Ewropea (ERM), li jiġbor l-informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni fuq ċerta skala.

**Emenda 61**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Mb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Mb. billi l-impriżi u s-setturi nnifishom normalment ikunu dawk li jafu l-aktar dwar il-bżonnijiet tagħhom ta' ristrutturazzjoni;***

Or. es

**Emenda 62**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Mc (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Mc. billi kull Stat Membru jgħaddi minn tipi differenti ta' ristrutturazzjoni u l-impatti tagħha huma differenti f'kull waħda minnhom;***

Or. es

**Emenda 63**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi***

***imħassar***

*żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 225 tat-Trattat KE, tressaq quddiem il-Parlament proposta leġiżlattiva għal direttiva kif rakkomandat fl-Anness;*

Or. en

**Emenda 64**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni, *skont l-Artikolu 225 tat-Trattat KE, tressaq* quddiem il-Parlament *proposta leġiżlattiva għal direttiva kif rakkomandat fl-Anness;*

*Emenda*

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni, *jitressqu* quddiem il-Parlament *il-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni tal-Green Paper;*

Or. es

**Emenda 65**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni, skont *l-Artikolu 225* tat-Trattat KE, tressaq quddiem il-Parlament *proposta leġiżlattiva għal direttiva kif rakkomandat fl-Anness;*

*Emenda*

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni, skont *l-Artikolu 225* tat-Trattat KE, tressaq quddiem il-Parlament *Kodiċi ta' Prattika Tajba dwar ir-Ristrutturazzjoni;*

Or. en

**Emenda 66**  
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Jitlob lill-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja biex matul ir-reviżjoni tar-Regolament Nru 1927/2006 jappoġġjaw l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex tkopri l-kwistjonijiet il-ġodda kollha li jirriżultaw mill-evoluzzjoni tal-forom il-ġodda u differenti ta' ristrutturar li kkonċernaw lis-suq Ewropew, inkluża r-rilokazzjoni mingħajr kontroll ġewwa u barra l-UE, problema li tolgot b'mod ħażin ħafna lill-ħaddiema;***

Or. it

**Emenda 67**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 1a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***1a. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex jekk il-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni tal-Green Paper juru l-ħtieġa, tiġi proposta rakkomandazzjoni dwar ir-ristrutturazzjoni mill-iktar kmieni possibli, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà;***

Or. es

**Emenda 68**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 1b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***1b. Jikkonferma l-ħtieġa li sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet favorevoli għal tibdil li, fl-istess ħin, jantiċipaw u jipprevjenu l-effetti negattivi possibbli tagħhom f'termini ta' telf ta' postijiet tax-xogħol, hemm bżonn li tittieħed azzjoni b'mod ikkordinat mal-livell li jikkorrispondi l-aħjar (reġjonali, nazzjonali u/jew Ewropew) mal-oqsma li ġejjin: titjib fis-suq intern Ewropew, b'attenzjoni partikolari għat-titjib tal-aċċess fil-fondi; stabbiltà u stennija tal-qafas regolatorju; effiċjenzja fis-swieq tax-xogħol; żieda fil-kapaċità għall-impjieg tal-ħaddiema permezz ta' edukazzjoni u taħriġ iktar ċari u ta' kwalità aħjar; u appoġġ deċisiv għall-innovazzjoni u għal politika industrijali attiva u effikaċi, li tikkontribwixxi sabiex jinħolqu opportunitajiet ġodda kemm għall-impriżi kif ukoll għall-ħaddiema;***

Or. es

**Emenda 69  
Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 1c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***1c. Jenfasizza li l-SMEs għandhom inqas mezz mill-impriżi l-kbar sabiex jiżviluppaw l-istess tip ta' Prattika tajba fir-ristrutturazzjoni. Għalhekk, jeħtieġ li jkun inkoraġġuti u appoġġjati sabiex jipparteċipaw fil-proċess ta' ristrutturazzjoni ta' dawk l-impriżi li jiddependu fuqhom;***

**Emenda 70**  
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. **Jikkonferma** li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità **u d-drittijiet** fundamentali taċ-ċittadini;

*Emenda*

2. **Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura** li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, **id-drittijiet** fundamentali taċ-ċittadini, **il-libertà imprenditorjali u d-dritt għall-proprjetà**;

Or. en

**Emenda 71**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

2. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini;

*Emenda*

2. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet **imsemmija** jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini;

Or. es

**Emenda 72**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 2a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***2a. Jikkonferma l-importanza ta' djalogu soċjali sod, ibbażat fuq fiduċja reċiproka u responsabbiltà konġunta, bħala strument aħjar sabiex jinstabu soluzzjonijiet ta' qbil u metodi komuni sabiex jantiċipaw, jipprevjenu u jimmaniġġjaw il-proċessi tar-ristrutturazzjoni. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jkunu intensifikati l-iskambju ta' prattika tajba u esperjenzi fuq livell Ewropew;***

Or. es

**Emenda 73**

**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 2b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***2b. Jappella lill-Kummissjoni sabiex tanalizza jekk hux meħtieġ li jittieħdu miżuri fuq livell Ewropew sabiex tissorvelja l-attivitajiet tal-impriżi bl-iskop li jkun evitat kwalunkwe tip ta' abbuż li jkun ta' detriment, b'mod speċjali għall-ħaddiema;***

Or. es

**Emenda 74**

**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 2c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**2c. Jitlob li l-liv jitqies bħala l-aħħar għażla u wara li jiġu kkunsidrati l-alternattivi kollha possibli, mingħajr ma jfixklu l-kompetittività tal-impriżi;**

Or. es

**Emenda 75**

**Veronica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3. Iqis li l-proposta mitluba m'għandha l-ebda konsegwenza finanzjarja;**

**imħassar**

Or. es

**Emenda 76**

**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3. Iqis li l-proposta mitluba m'għandha l-ebda konsegwenza finanzjarja;**

**3. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi li r-rakkomandazzjonijiet m'għandhom l-ebda konsegwenza finanzjarja għall-kumpaniji;**

Or. en

**Emenda 77**

**Veronica Lope Fontagné**



**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jagħti iġstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-proposta **leġiżlattiva u r-rakkomandazzjonati** dettaljati li jakkumpanjawha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

*Emenda*

4. Jagħti iġstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-proposta **u r-rakkomandazzjonijiet** dettaljati li jakkumpanjawha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

Or. es

**Emenda 78**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**  
f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni  
Paragrafu 4**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

4. Jagħti iġstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-proposta **leġiżlattiva u r-rakkomandazzjonati** dettaljati li jakkumpanjawha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

*Emenda*

4. Jagħti iġstruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-proposta **u r-rakkomandazzjonijiet** dettaljati li jakkumpanjawha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

Or. en